MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 627/2002

**Perit Dom Mintoff**

**vs**

**Victor Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 t'Ottubru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas lill-attur dik is-somma li din l-Onorabbli Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta l-konvenut, bhala Editur tal-

gurnal “The Times” ippubblika f’pagna 9 tal-harga tal-14 t’Ottubru, tas-sena 2002, ta’ l-istess gurnal, ittra ntestata *“Mintoff’s largesse*” li l-ghan taghha kien li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta’ l-attur billi attribwiet lill-attur fatti determinati bi skop li toffendi l-isem tieghu u l-fama tieghu jew tesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku, (Ara Dok `A’ – kopja ta’ pagna 9 tal-gurnal “The Times” tal-14 t’Ottubru, tas-sena 2002);

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher u ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata is-27 ta’ Novembru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-fatti msemmija fl-ittra intestata *“Mintoff’s Largesse”* ippubblikata fid-9 pagna ta’ “The Times” fl-14 ta’ Ottubru tas-sena 2002 huma veri u jigu ppruvati, filwaqt li l-kummenti hemm kontenuti huma gusti u perfettament permissibbli fl-ordinament guridiku nostrali fejn hija mhaddna l-liberta’ ta’ l-espressjoni u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ittra intestata “*Mintoff’s Largesse”* ippubblikata fid-9 pagna ta’ “The Times” fl-14 ta’ Ottubru, tas-sena 2002 mhix malafamanti fil-konfront ta’ l-attur ai termini ta’ l-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta) u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

3. Illi, wkoll subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, il-pubblikazzjoni *de quo* mertu ta’ din il-kawza tikkonsisti f’ittra li fiha il-korrispondent inkorpora u kkummenta fuq dak li gie ppubblikat f’pagna 5 ta’ The Times nhar it-Tnejn 16 ta’ Settembru, tas-sena 2002 taht titolu “*Sleeping Partner Problem”* li kien jikkonsisti f’rapport preciz ta’ diskors ta’ l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi John Dalli fuq il-

Fossos tal-Furjana nhar is-Sibt 14 ta' Settembru, tas-sena 2002 waqt diskussjoni pubblika bhala wahda mill-avvenimenti in celebrazzjoni ta' Jum l-Indipendenza ta' din is-sena u ghalhekk, peress illi l-kelliem kien jaf jew ragonevolment seta' jkun jaf jew jistenna li l-kontenut tad-diskors tieghu se jigi pubblikat f'gazzetta jew mezz tax-xandir, kif fil-fatt gie, u l-pubblikazzjoni ta' l-istess diskors kienet ragonevolment gustifikabbli f'socjeta' demokratika, huwa applikabbli l-privilegg kwalifikat taht l-artikolu 12A tal-ligi dwar l-Istampa, (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta), u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

4. Illi, dejjem *in subsidium* u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, in linja mal-principju guridiku li *volenti non fit injuria*, it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante l-akkwijexxenza tieghu ghall-pubblikazzjoni f'pagna 5 ta' "The Times" nhar it-Tnejn 16 ta' Settembru, tas-sena 2002 taht it-titolu "*Sleeping Partner Problem";*

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-noti estensivi ppresentati mir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Semghet ukoll it-trattazzjoni orali ta' l-istess rapprezentanti legali;

Innotat ukoll li ghall-fazi tat-trattazzjoni orali l-konvenut issostitwixxa lir-rapprezentant legali tieghu, (ara fol 132);

Ikkunsidrat:

Illi sodisfatt is-suespost din il-qorti ghaddiet biex tikkonkludi din il-vertenza sommarjament kif tenuta ai termini ta’ l-artikolu 28 (1) tal-Kap 248 u l-artikoli 47, 171 u 215 tal-Kap 12;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fl-edizzjoni tat-Tnejn 14 t’Ottubru tas-sena 2002 tal-gazzetta “The Times”, giet ippubblikata ittra fir-rubrika “Letters to the Editor” intitolata “*Mintoff’s largesse*” iffirmata minn J.E. Agius;

2. Illi fil-premessa taghha din l-ittra tibbaza ruhha fuq dikjarazzjoni gia’ attribwita lill-Ministru tal-Finanzi u datata s-16 ta’ Settembru precedenti, fejn kien ritenut li l-attur fil-perjodu li fih hu kien prim ministru snin ilu, effettwa rigal generozissimu lill-“Banco di Sicilia” ta’ mhux anqas minn 14 fil-mija ta’ l-azzjonijiet tal-“Bank of Valletta”, li l-valur taghhom illum kien allegat li jammonta ghal tletin miljun Lira Maltin, (LM30,000,000);

3. Illi l-ittra hawn inkriminata tkompli billi ssostni li l-awtur taghha jemmen li din id-dikjarazzjoni hija bicca ahbar stupefacenti li kienet gia’ giet ukoll accennata qabel minn kwartieri ufficcjali ohra;

4. Illi l-istess awtur ikompli billi jsostni li ma jiftakar lil hadd li jispjega l-iskop wara tant generosita’ karitatevoli u regali da parti ta’ l-attur – minn tant nies;

5. Illi l-attur isostni fl-ittra tieghu li ma kienx qed jippretendi xi kumment mill-kamp ta’ l-opposizzjoni Laburista fuq dan il-fatt straordinarju izda li kien tassew stramb kif il-gvern u l-mezzi tax-xandir jidhru li baqghu stranament siekta u tilfu l-opportunita’ li jinvestigaw il-kwistjoni;

6. Illi finalment l-awtur jistaqsi jekk hux tard wisq li jinfethu l-arkivji u jigi ppubblikat ir-retroxena tac-cirkostanzi li ppermettew lill-gvern laburista jagixxi hekk generozament bi flus il-poplu;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur hassu ngurjat bl-ittra in dizamina, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-ewwel reazzjoni ta' l-attur tidher li ma fehemx ezatt ghalfejn kien il-mira ta' ittra vilifikanti l-karattru tieghu, (ara fol 11);

2. Illi fit-tieni lok isostni li hassu doppjament ingurjat ghaliex jirrizulta li kien ilu xhur ghaddej fi trattattivi mal-fondazzjoni responsabbli mit-"Times" peress li kienet l-intenzjoni taghhom li jintervistaw lill-attur izda stante xi pubblikazzjoni ohra precedenti u estranea ghall-kaz odjern l-atmosfera bejn il-partijiet ma kienetx wahda idillika;

3. Illi rigward il-meritu tal-procedura odjerna l-attur hassu ngurjat ghaliex kif isostni fix-xhieda tieghu stess;

*"…sa fejn naf jien ghall-Gvern u ghall-Malta qatt ma tajt xejn b'xejn';* (ara fol 11);

4. Illi in vista ta' l-insinwazzjoni ppubblikata fl-artikolu in dizamina l-attur isostni li wara hafna ricerka, anke f'atmosfera ta' biza', (ara fol 12), irnexxielu jsib minuta tac-"Chairman" tal-Korporazzjoni ta' l-Izvilupp ta' dak iz-zmien li xxejjen ghal kollox l-allegazzjoni kontenuta fl-ittra de quo; (ara wkoll fol 23);

5. Illi f'din il-minuta u ittra datata t-3 ta' Marzu ta' l-1977, (ara fol 15-17), jirrizulta abbundantement assodat li l-azzjonijiet riferiti fl-ittra meritu ta' din il-procedura kienu taht l-iskrutinju kontinwu ta' l-awtoritajiet istituzzjonali kompetenti u ghalhekk l-allegazzjoni riprodotta mill-attur fil-kwalita' tieghu ta' editur tal-gazzetta "The Times" fil-gurnata indikata aktar qabel hija mhux biss intiza biex tingurja lill-attur izda anke l-memorja tac-Chairman fuq indikat li llum huwa mejjet; (ara fol 12)

Ikkunsidrat:

Illi l-awtur ta' l-ittra in dizamina isostni s-segwenti:

1. Illi meta hu kien ra l-istatement fuq gia' riferit attribwit lill-Ministru tal-Finanzi deherlu li kienet haga stramba li xi hadd mill-gvern jirregala azzjonijiet ta' bank lokali lil terzi persuni b'xejn, (ara fol 55);

2. Illi t-titolu riprodott fuq l-istess ittra fil-gazzetta de quo kien ukoll miktub mill-istess awtur ta' l-istess ittra; (ara fol 57);

3. Illi jirrizulta li l-istess awtur kien impjegat tal-Korporoazzjoni Maltija ta' l-Izvilupp fil-perjodu bejn l-1968 u l-1979 u kien responsabbi mill-attivitajiet kummercjali, (ara fol 56);

4. Illi ghalkemm kien impjegat tal-imsemmija Korporazzjoni fil-perjodu in dizamina l-awtur isostni pero' li ma kien involut xejn fit-trattativi u fil-konkluzjoni tat-trasferiment ta' l-azzjonijiet lill-Bank fuq indikat, (ara fol 56), u lanqas kien jifforma parti mill-Bord;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-verbal datat is-27 ta' Frar tas-sena 2003, qed jigi dikjarat pacifiku bejn il-partijiet li l-konvenut fuq indikat kien l-editur tal-gazzetta li ppubblikat l-ittra in dizamina, (ara fol 25);

Illi l-istess ittra kienet indirizzata lill-istess konvenut, (ara fol 61), li ghazel li jippubblikaha, (ara fol 27);

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza naxxenti mill-fatti kif fuq sintetikament esposti jippostulaw zewg kwistjonijiet ta’ natura ferm delikata fil-qasam ta’ l-ordinament demokratiku ta’ pajjiz, li ghakemm skond il-ligi qed jigu necessarjament analizzati sommarjament f’din il-procedura, jimmeritaw analizi approfondit;

Illi z-zewg kwistjonijiet huma s-segwenti:

1. Id-dritt tac-cittadin li jkun informat b’dak kollu li ghandu x’jaqsam ma’ vertenzi ta’ natura pubblika;

2. Id-dritt ta’ individwu li ma jkunx ingurjat b’fatti erroneament attribwiti lilu;

Ikkunsidrat:

Illi l-liberta’ ta’ l-espressjoni kif sancita fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tippostula effettivament li din il-liberta’ ghandha tinkludi l-liberta’:

*“…to hold opinions and to receive and impart information and ideas”;*

Illi kif kien stabbilit mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza Handyside vs Ir-Renju Unit (1976), il-liberta’ ta’ l-espressjoni f’socjeta’ demokratika:

*“…constitutes one of the essential foundations of such a society, one of the basic conditions for its progress and for*

*the development of every man…It is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the state or any sector of the population. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no democratic society";*

Ikkunsidrat:

Illi ghandu wkoll jigi sintetikament indikat li l-protezzjoni li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea fuq indikata talloka lill-persuni attivi fil-forum politiku hu ferm aktar cirkoskritt minn dik moghtija lill-persuni li m'humiex suxxettibbli daqshekk ghall-iskrutinju pubbliku;

Illi kif gie ritenut mill-istess qorti fil-kawza fl-ismijiet Lingens vs Austria (1986):

*"Freedom of the press…affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitude of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention;*

*The Limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and public at large… Article 10 paragraph 2 enables the reputation of others… to be protected,* ***and this protection extends to politicians too… but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues".***

Illi kif gie wkoll ritenut fil-kaz Oberschlick vs Austria, (1991):

*"The limits of acceptable criticism are accordingly wider with regard to a politician acting in his public capacity than in relation to a private individual. The former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed …and he must display a greater degree of tolerance…";*

Illi tenut kont tas-suespost, l-iskrutinju pubbliku ta' l-azzjoni ta' min hu nvolut fil-kamp politiku huwa l-piz li l-politici huma kostretti li jerfghu minhabba n-natura ta' l-istess involviment;

Illi kif gia' gie wkoll ritenut minn din l-istess qorti fil-kawza fl-ismijiet Roderick Galdes, Sindku tal-Kunsill Lokali Qormi vs Dione Borg, datata l-4 ta' Gunju tas-sena 2003"

*"…sakemm dan l-iskrutinju jkun fattwali u oggettiv, imnezza minn kwalunkwe insinwazzjoni malinna li ma tistax ghalhekk tigi pprovata, allura tali skrutinju jimmerita l-avall ta' din il-qorti…";*

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk kif gie wkoll ritenut mill-qorti ewropea fuq indikata fil-kaz ta' Lingens (1986), la r-reputazzjoni tal-politiku timmerita l-protezzjoni tal-ligi wkoll, anke jekk din trid tkun ibbilancjata mid-dritt ghad-diskussjoni politika miftuha, wiehed issa jrid jezamina l-ittra de quo precizament taht dan l-aspett;

Illi din l-ittra jista' jaghti l-kaz u qieghed hawn jigi koncess, li qed tistaqsi domanda legittima senjatament, kif jista'

jaghti l-kaz li azzjonijiet ta' bank lokali gew regalati lill-bank esteru?

Illi hi l-fehma ta' din il-qorti li kemm-il darba l-kwistjoni baqghet relegata ghal din il-vertenza allura d-domanda mhux biss kienet wahda legittima izda kienet ukoll taqa' fil-parametri stabbiliti mill-qorti ewropea fuq indikata u kienet effettivament tista' taghti lok ghall-investigazzjoni interessanti;

Illi pero' jirrizulta minn approfondiment serju tal-vertenza li d-domanda ut sic giet abbilment sottoposta ghall-premessa erronea ibbazat fuq ineundo li jizvija l-focus reali mid-domanda legittima ghall-personalita' u ghalhekk kien facli ghall-qarrej normali li jkun zgwidat nonostante l-fatt li tezisti dokumentazzjoni sufficjenti li turi li l-kwistjoni sollevata tidher li kienet gie originarjament indirizzata bi professjonalita' u bi trasparenza;

Illi effettivament jirrizulta li l-inuendo karpit hu biss intiz biex johloq  kimera politika bil-ghan li jigi biss insinwat, izda mhux ippruvat, agir nefast mhux biss mill-attur izda anke mill-protagonisti kollha li setghu kienu nvoluti;

Illi tali insinwazzjoni jew l-invettiva, sottili kemm hi sottili, dejjem tibqa' invettiva cioe', assalt verbal fuq il-karattru li joffendi l-unur u d-dinjita'  ta' min jinzerta fil-mira tal-ingurjant;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante s-suespost gie ipprovat ghas-sodisfazzjoni ta' din il-qorti permezz ta' dokumentazzjoni originali, (ara fol 15-17 u 23), li l-insinwazzjoni sottili ta' l-awtur ta' l-ittra riprodotta mill-konvenut fil-gazzetta li taghha kien responsabbli hi ghal kollox mhux minnha;

Illi ghalhekk l-insinwazzjoni li qarrej normali jezimi mill-istess ittra kif intitolata hi wahda li din il-qorti tqis li hi ingurjuza fil-konfront ta' l-attur;

Illi effettivament bil-kelma "*largesse*" uzata mill-awtur ta' l-ittra de quo kemm fit-titolu ta' l-ittra kif ukoll fil-korp ta' l-istess gie insinwat li l-attur kien qed juzurpa l-funzjoni pubblika tieghu u jqassam b'xejn dak li effettivament, kif jghid l-istess awtur tal-ittra in dizamina fil-konkluzzjoni tieghu, li kien flus il-poplu, (ara fol 2);

Illi effettivament din tammonta ghall-akbar akkuza li wiehed jista' jirrinfacca politiku biha, sija jekk dan ikun attiv jew irtirat;

Ikkunsidrat:

Illi tali insinwazzjoni hi verament ingurjuza u l-politiku jikkwalifika ghall-protezzjoni legali indikata fil-kaz ta' Lingens fuq riferit stante li tali insinwazzjoni f'dan il-kaz ma jirrizultax li saret purament fl-interess tad-diskussjoni politika miftuha stante li mhux biss l-awtur seta' jinvestiga d-dokumentazzjoni provduta f'din il-procedura izda hi effettivament insinwazzjoni irrilevanti ghall-istess;

Ghaldaqstant din il-qorti taqta' u tiddeciedi li hi sodisfatta li l-allegazzjonijiet, u insinwazzjonijiet kontenuti fl-ittra li tat bidu ghall-procedura odjerna huma malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li allura l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi fil-konfront tal-konvenut li ghazel li jippubblika l-istess ittra;

Illi konsegwentement:

1. Tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;

2. Tilqa’ t-talbiet attrici;

3. Tiddikjara li l-pubblikazzjoni ta’ l-ittra in dizamina datata l-14 t’Ottubru tas-sena 2002 intitolata “*Mintoff’s largesse*” ippubblikata f’ “The Times” hi malafamanti fil-konfront ta’ l-attur billi ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tieghu, stante li tesponieh ghad-disprezz tal-pubbliku, u dan fit-termini ta’ l-artikolu 28 tal-Kap 248;

4. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta’ Novembru ta’ l-1994 riferibbilment ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni ta’ danni f’kazijiet hawn kontemplati in kontrapposizzjoni ma’ dawk ikkontemplati fil-Kodici Civili;

5. Illi in vista tal-premess din il-qorti qed tissottolinea s-segwenti bil-ghan li d-diskrezzjoni illimitata u soggettiva lilha moghtija mill-ligi ta’ l-Istampa tkun sottoposta ghall-kriterji oggettivament riskontrabbli biex b’hekk il-gustizzja li din il-qorti trid tirripristina ma tkunx ibbazata fuq kriterji soggettivi u inskrutinabbli;

a. Illi l-allegazzjonijiet kontenuti fl-ittra in dizamina ma jirrizultawx li huma minnhom;

b. Illi l-insinwazzjoni ta’ l-awtur ta’ l-ittra de quo ma gietx ippruvata waqt id-dibattiment tal-kaz;

c. Illi giet ipprezentata dokumentazzjoni sufficjenti li xxejjen kull domanda u insinwazzjoni illecita li saret fil-konfront ta’ l-attur;

d. Illi l-awtur kien impjegat f'kariga gholja fil-Korporazzjoni li effettivament mexxiet it-trattattivi rigwardanti l-ishma in dizamina;

e. Illi l-konvenut ghazel li jippubblika l-ittra in dizamina minghajr m'ghamel verifiki serji fir-rigward izda ghazel li jibbaza' d-decizjoni tieghu fuq il-fatt li kien jaf lill-awtur;

f. Illi kien hemm xi trattattivi bejn il-fondazzjoni li l-konvenut iservi u l-attur bil-ghan li jittwittu xi attriti li allegatament jezistu bejniethom;

6. Tikkundanna lill-konvenut Victor Aquilina biex ihallas lill-attur il-Perit Dom Mintoff l-ammont ta' sitt mitt Lira Maltin (LM600.00,0), bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------